MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 168/2004/1

**Rita Degiorgio**

**v.**

**Mario Degiorgio**

**Il-Qorti**

## <u>I. PRELIMINARI</u>

1. Fl-24 ta' Settembru 1989, l-attrici Rita Degiorgio zzewget lill-konvenut Mario Degiorgio u min dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Donna u Dylan, li t-tnejn ghadhom

minorenni, billi llum ghandhom rispettivament 14 u 10 snin.

2. Fis-16 ta’ Dicembru 2003, l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

3. Fis-26 ta’ Mejju 2004, Rita Degiorgio, permezz ta’ citazzjoni intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sostniet illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma baqatx aktar possibbli peress illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejha ta’ mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi u sahansitra wasal sabiex keccieha mid-dar matrimonjali. L-attrici tghid li ghal-dawn ir-ragunijiet, z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment u ghalhekk tablet lil dik il-Qorti li:
“1. tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b’tort uniku tal-konvenut Mario Degiorgio;

“2. tafda f’idejn l-attrici l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Donna u Dylan;

“3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja li joghgobha tiffissa ghall-attrici u ghall-ulied minuri, b’dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

“4. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

“5. tillikwida u tiddividi l-assi ta’ l-istess komunjoni tal-akkwisti f’dak il-proporzjoni u dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

“6. tassenja lill-attrici l-assi hekk likwidati li jmissu lilha, prevja n-nomina ta’ Nutar Pubbliku biex jippublika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci;

“7. tapplika kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“8. tordna illi l-attrici tkompli tghix fid-dar matrimonjali mibnija fuq Plot 19, fi Triq Father Charles Platter, Paola, flimkien ma uliedha, ad eskluzjoni ta’ zewgha l-konvenut;

“9. tawtorizza lill-attrici terga tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe’ Cacciattolo.

4. Il-konvenut ikkontesta l-allegazzjonijiet u t-talbiet tal-attrici u eccepixxa:
“1. Illi l-eccipjent jichad kategorikament l-akkuzi maghmula kontrih mill-attrici, u cioe` li z-zwieg tkisser htija tieghu, li hu kien jittrattaha hazin, u li kecciha mid-dar;

“2. Illi jekk ghandha tinghata din is-separazzjoni, din ghandha tinghata mhux ghar-ragunijiet indikati mill-attrici izda ghaliex l-istess attrici rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju u ta’ abbandun tad-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida;

“3. Illi ghal numru ta’ snin bint il-kontendenti qeghda tghix mal-konvenut u biex ma jigix disturbat il-*modus vivendi* tat-tifla din ghandha tithalla fil-kura u kustodja tal-missier, b’access ghall-omm, mentri l-missier ikollu access ghal ibnu;

“4. Illi m’hemm ebda raguni ghalxiex l-attrici ma tirritornax fid-dar matrimonjali, daqskemm m’hemm ebda raguni ghalxiex il-konvenut ghandu jitnehha mit-tgawdija ta’ l-istess daru.

“5. Illi l-attrici ghandha introjtu akbar minn tal-konvenut, u se mai hija l-attrici li ghandha tigi ordnata tghaddi manteniment lil zewgha.

“6. Illi in vista tas-sueccepit, it-tielet, is-seba` u t-tmien talbiet ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, mentri l-Qorti hi mitluba taghti l-provvedimenti opportuni skond il-ligi in vista tal-fatt li l-firda saret htija ta’ l-istess attrici li kontra taghha ghandhom japplikaw l-effetti ta’ Artikoli 48, 51, 53, oltre li bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-attrici.

5. Fl-14 ta' Novembru 2006, il-Qorti Civili Sezzjoni Familja, tat is-sentenza, li d-dispozittiv taghha jghid hekk:

*"**Decide***

*"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa addozzjoni in parte tal-rapport tal-perit legali kif fuq spjegat, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu dawn ikunu nkompatibbli ma' dak hawn deciz:*

*"1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;*

*"2. tilqa' t-talba attrici in parte, billi tassenja l-kura u l-kustodja tal-minuri Dylan f'idejn l-attrici, mentri l-kura u l-kustodja tal-minuri Donna tigi assenjata f'idejn il-konvenut, b'dan pero` illi decizjonijiet importanti dwar sahha, edukazzjoni u religjon tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntament bejn il-partijiet, jew, fin-nuqqas ta' qbil bejniethom, b'ordni ta' l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). L-attrici ghandu jkollha access ghall-minuri Donna kull nhar ta' Tlieta u u nhar ta' Hamis, wara l-iskola sat-8.30 p.m u nhar ta' Hadd bejn id-9.30 a.m u t-8.30 p.m., mentri l-konvenut ikollu access ghall-minuri Dylan kull nhar ta' Erbgha wara l-iskola sat-8.00 p.m u nhar ta' Sibt bejn id-9.00 a.m u t-8.00 p.m.;*

*"3. tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas:-*

*"(i) l-arretrati tal-pagamenti tal-manteniment ta' l-attrici, minnu dovuti in forza tad-Digriet ta' l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru 2003, illi jammontaw ghal mitejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm 220.00);*

*"(ii) l-arretrati tal-pagamenti tal-manteniment tat-tifel Dylan, minnu dovuti in forza tad-Digriet ta' l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru 2003, illi jammontaw ghal tmien mija u tmenin Lira Maltin (Lm880.00) ;*

*“(iii) l-ammont ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm 4,000.00) rapprezentanti pagament ta’ darba in linea ta’ manteniment ghall-minuri Dylan;*

*“liema pagamenti ghandhom isiru bil-modalita` u fiz-zmien illi ser jinghad aktar ‘il quddiem;*

*“Inoltre, tordna lill-konvenut bhala persuna misjuba responsabbli ghas-separazzjoni personali jghaddi manteniment lil martu l-ekwivalenti ta’ ghoxrin fil-mija [20 %] tal-qligh tieghu jew beneficju socjali li jiehu kemm il-darba din ma tkunx qeda taghmel xoghol bi qligh, liema ammont ghandu jinbaghat lilu kull xahar fir-residenza attwali taghha.*

*“4. tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

*“5. tilqa’ l-hames talba u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti bhala konsistenti fis-segwenti: -*

*“(i) id-dar matrimonjali sitwata f’19, Shangrila, Triq Father Charles Platter, Paola, inkluza l-mejda u s-sigijiet, bl-appliances kollha minbarra l-convection oven, it-toaster, il-mixer, il-kittla, il-food processor u l-microwave oven;*

*“(ii) l-istokk li jinsab fil-hanut “Degiorgio Household Gifts”, Triq Zabbar, Paola, tal-valur bonarjament maqbul bejn il-partijiet ta’ Lm 3,000 ;*

*“(iii) il-vettura Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni LAB 581;*

*“(iv) Current Account mal-Bank of Valletta p.l.c. f’isem il-konvenut bin-numru 17300694028 ;*

*“(v) Savings Account mal-Bank of Valletta p.l.c. f’isem il-konvenut bin-numru 17300694015 ;*

*“(vi) Savings Account mal-Bank of Valletta p.l.c., mizmum f’isem l-attrici, bin-numru 40013288604 ;*

*“(vii) zewg Washing Machines;*

*"(viii) zewg Heaters;*

*"(ix) zewg tapiti;*

*"(x) Grandfather clock;*

*"(xi) Bedroom;*

*"(xii) vazuni, statwi, lampi, u inkwadri prezentement sitwati gewwa l-fond 19, Shangrila, Triq Fr. Charles Platter, Poala;*

*"(xiii) sufan iswed ;*

*"(xiv) zewg wallunits ;*

*"(xv) Television u l-mejda illi jinsab fuqha ;*

*"(xvi) gandlieri ;*

*"(xvii) Imwejjed u kolonni suwed;*

*"(xviii) Bowl kbira;*

*"(xix) Shoe Cabinet;*

*"(xx) Aquarium;*

*"(xxi) Microwave Oven;*

*"(xxii) Gym equipment;*

*"Tiddikjara illi l-kirja tal-fond bl-isem Degiorgio Household Gifts, Triq Zabbar, Paola, hija assi parafernali tal-konvenut, mentri l-magna tal-hjata hija proprjeta` parafernali ta' l-attrici, u ghandha tigi lilha ritornata. Il-Food Processor tad-ditta Moulinex, il-Convection Oven; is-sett tal-borom u t-tagnijiet u l-bedspread roza huma di proprjeta` ta' oht l-attrici u kwindi ghandhom jigu assenjati lill-attrici.*

*"Inoltre, il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata ghandha tigi diviza bil-mod segwenti. In vista tal-fatt illi d-dar matrimonjali sitwata f'19, Shangrila, Triq Father Charles Platter, Paola, mhix komodament divizibbli, jigi ordnat illi din tinbiegh bi qbil bejn il-partijiet jew bis-subasta, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, bil-prezz maqbul bonarjament bejn il-partijiet, ta' disghin elf lira Maltin (Lm 90,000.00), u maghha tinbiegh ukoll il-kcina inkluza l-mejda u s-siggijiet bl-appliances kollha, minbarra l-convection oven, it-toaster, il-mixer, il-kittla, il-food processor u l-microwave oven.*

*"Mir-rikavat tal-bejgh, wara illi jithallsu l-ispejjez, ghandu jigi saldat kull dejn ezistenti mal-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni relattiv ghall-perijodu qabel Jannar 2000, il-bilanc ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet, b'dan illi mill-porzjon illi tkun ser tigi assenjata lill-konvenut, ghandu jigi mnaqqas, u mhallas lill-attrici l-ammont ta' hamest elef u mitt Lira Maltin (Lm 5,100.00) rapprezentanti l-hlas tal-manteniment kif deciz fit-tielet talba, oltre l-ammont ta' elfejn u sitta u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm 2086.73) in linea ta' ekwiparazzjoni dovuta in segwitu ghall-assenjazzjoni tal-mobbli bejn il-kontendenti, kif ser jinghad, fuq liema zewg ammonti ghandhom jithallsu wkoll l-interessi mid-data tas-Sentenza sad-data tal-hlas effettiv.*

*"In kwantu ghall-beni mobiljari, dawn ghandhom jigu divizi f'zewg porzjonijiet konsistenti, l-ewwel porzjon fl-istokk tal-valur ta' Lm 3,000 bonarjament maqbul bejn il-partijiet, il-vettura Skoda bin-numru ta' registrazzjoni LAB 581, u l-kontijiet bankarji f'isem il-konvenut cioe` Current Account mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 17300694028, flimkien ma' Savings Account ukoll mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 17300694015, bl-ammont komplessiv ta' Lm 9.68. It-tieni porzjon ghandu jikkonsisti f'Savings Account mal-Bank of Valletta p.l.c., mizmum f'isem l-attrici, bin-numru 40013288604; zewg Washing Machines; zewg Heaters; zewg tapiti; Grandfather clock; Bedroom; vazuni, statwi, lampi, u inkwadri prezentement sitwati gewwa l-fond 19, Shangrila, Triq Fr. Charles Platter,*

*Poala; sufan iswed ; zewg wallunits ; Television u l-mejda illi jinsab fuqha ; gandlieri ; Imwejjed u kolonni suwed; Bowl kbira; Shoe Cabinet; Aquarium; Microwave Oven; Gym equipment oltre hwejjeg u l-artikoli personali kollha ta' l-attrici illi jista' jkun ghad hemm fid-dar matrimonjali 19, Fr. Charles Platter Street, Paola, flimkien ma' l-ammont ta' elfejn u sitta u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm 2086.73) dovut lil din it-tieni porzjon, in linea ta' ekwiparazzjoni;*

*"6. Tilqa' s-sitt talba u tassenja lil kull wiehed mill-partijiet sehem ugwali mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali f'19, Fr. Charles Platter Street, Paola, wara illi jsiru l-pagamenti ga` su-riferiti, in konnessjoni ma' l-ispejjez, djun mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l- Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud, u l-pagament ta' manteniment u ta' l-ammont dovut in linea ta' ekwiparazzjoni lill-attrici, kif ga` su-riferit. Inoltre, tassenja lill-konvenut l-istokk tal-valur ta' Lm 3,000 bonarjament maqbul bejn il-partijiet, il-vettura Skoda bin-numru ta' registrazzjoni LAB 581, u l-kontijiet bankarji f'isem il-konvenut cioe` Current Account mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 17300694028, flimkien ma' Savings Account ukoll mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 17300694015, bl-ammont komplessiv ta' Lm 9.68; u lill-attrici jigu assenjati Savings Account mal-Bank of Valletta p.l.c., mizmum f'isem l-attrici, bin-numru 40013288604; zewg Washing Machines; zewg Heaters; zewg tapiti; Grandfather clock; Bedroom; vazuni, statwi, lampi, u inkwadri prezentement sitwati gewwa l-fond 19, Shangrila, Triq Fr. Charles Platter, Poala; sufan iswed; zewg wallunits ; Television u l-mejda illi jinsab fuqha; gandlieri; l-mwejjed u kolonni suwed; Bowl kbira; Shoe Cabinet; Aquarium; Microwave Oven; Gym equipment oltre hwejjeg u l-artikoli personali kollha ta' l-attrici illi jista' jkun ghad hemm fid-dar matrimonjali 19, Fr. Charles Platter Street, Paola, flimkien ma' l-ammont ta' elfejn u sitta u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm 2086.73) dovut lil din it-tieni porzjon, in linea ta' ekwiparazzjoni, li ghandu jigi mhallas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali kif ga` nghad.*

*“Jigi dikjarat ukoll illi kull dejn ma’ omm il-konvenut u ma’ agenti tan-negozju, jibqa’ a karigu esklussiv tal-konvenut. Inoltre, il-konvenut ghandu jassumi kull dejn mad-Dipartiment tal-Vat u mad-Dipartiment tat-Taxxi interni ghal perijodu li l-hanut kien jigi gestit minnu esklussivament;*

*“Tilqa’ wkoll it-talba ghan-nomina ta’ Nutar Pubbliku u tinnomina ghal dan l-iskop lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana li ghandha tircevi l-att pubbliku fi zmien xaharejn fl-edifizju tal-Qorti u fil-jum u hin minnha fissat; u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Ramona Frendo biex tidher ghall-eventwali kontumaci.*

*“7. Tichad is-seba’ talba stante illi ma hemmx ragunijiet gravi bizzejjed illi jiggustifikaw tali talba;*

*“8. Tichad it-tmien talba attrici stante illi qed jigi ordnat illi d-dar matrimonjali tinbiegh kif ga` nghad;*

*“9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici u tawtorizza lill-attrici illi tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe` Cacciattolo;*

*“L-ispejjez kollha huma a kariku tal-konvenut.”*

6. Il-kunsiderazzjonijiet li fuqhom hija bbazata l-istess sentenza huma s-segwenti:

“**Separazzjoni Personali**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-konvenut in bazi ghall-agir abusiv kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 da parti tal-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali. Il-konvenut minn naha tieghu, jeccepixxi illi “jekk ghandha tinghata dina s-separazzjoni” din ghandha tinghata in bazi ghall-fatturi kontemplati fl-Artikolu 38 u 41 da parti ta’ l-attrici.

“Illi mill-provi jirrizulta li l-konjugi B kienu zzewwgu fl-24 ta’ Settembru 1989, u minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt it-tfal Donna u Dylan li llum ghadhom minorenni.

“Fis-sena 1998 huma marru joqghod fid-dar matrimonjali bl-isem “Shangrila” Triq Father Charles Platter, Paola. Matul dan il-perijodu l-konjugi kienu jiggestixxu l-hanut bl-isem “B Household” f’ Zabbar Road u li fih kienu jahdem t-tnejn sa minn zmien meta kienu ghadhom gharajjes.

“Illi l-inkwiet matrimonjali beda jfegg proprju fis-sena 1998 meta tlestiet id-dar konjugali, il-konvenut iddecieda li jibda jahdem gewwa pub f’ Paceville fejn kien jahdem sal-4.00 ta’ filghodu, bir-rizultat li kien jibqa’ rieqed matul il-gurnata u l-attrici kien ikollha tfendi ghar-rasha sabiex izzomm il-hanut ghaddej. L-attrici tghid li dan “kien il-bidu tal-problemi fil-hajja mizzewwga taghna” [fol.28].

“Jidher li din l-istil ta’ hajja assunta volontarjament mill-konvenut, u imposta minnu fuq martu u uliedu bdiet thalli effetti negattivi u serji fil-hajja matrimonjali taghhom, bir-rizultat li l-partijiet bdew jibirdu fil-konfront ta’ xulxin. Dan kollu gab tbatija lill-attrici li kellha tfendi waheda biex izzomm il-hanut ghaddej biex ikollha qligh sufficjenti biex tmantni l-familja taghha.

“F’ Jannar 2000 il-koppja sseparat de facto u, filwaqt li l-konvenut baqa’ jghix fid-dar matrimonjali ma’ bintu, l-attrici marret tghix mal-genituri taghha flimkien mat-tifel. Il-versjoni tal-partijiet f’dan ir-rigward jikkuntrastaw in kwantu ghar-raguni ta’ din is-separazzjoni; ghax, filwaqt li l-attrici tghid li fis-6 ta’ Jannar 2000 il-konvenut kecciha mid-dar matrimonjali, il-konvenut isostni li huwa kien ha dan il-pass peress li skond hu f’lejl minnhom meta hu ma kienx id-dar kien sab ragel Gharbi rieqed fis-sodda. Huwa rreagixxa ghal dan billi kecca lil martu mid-dar.

“Konsegwenza ta’ dan, l-attrici marret tghix fid-dar tal-genituri taghha, flimkien mat-tifel, u kellha ssib xoghol part time biex tmantni lilha nnifisha u lit-tifel, peress li l-konvenut ma kienx jghaddilha manteniment. Sa dan it-tant l-attrici ma baqghetx tinzel tghin lill-konvenut fil-hanut, u

dan minn naha tieghu baqa' jahdem fil-pubs gewwa Paceville.

"Sussegwentement kien hemm zmien fejn il-partijiet irrikonciljaw u regghu bdew jghixu fid-dar matrimonjali flimkiem maz-zewg uliedhom, izda fil-15 ta' Gunju 2003 l-attrici kienet kostretta terga' titlaq mid-dar konjugali u terga' tmur tghix, bit-tifel, mal-genituri taghha.

"Illi mill-kwadru tal-fatti provati l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi fil-konfront ta' l-attrici [1] meta dana, kontra r-rieda ta' l-attrici, iddecieda li jibda jahdem bil-lejl gewwa Paceville bil-konsegwenza li halla l-gestjoni tal-hanut kollha f' idejn l-attrici li kellha tfendi ghar-rasha biex tlahhaq mal-hajjam u b' hekk impona fuqha u fuq uliedu stil ta' hajja kontra r-rieda taghha bi tbatija ghaliha; [2] meta dana biddel l-attitudini tieghu fil-konfront taghha u sar abusiv fil-komportament tieghu lejn l-attrici, u kkawza l-incidenti li rrakkontat l-attrici fl-affidavit taghha; [3] meta dana waqaf jghaddi manteniment lil martu u lil ibnu, li ghalhekk ikkostringa lil martu ssib part time job sabiex tmantni lilha nnifisha u lil binhom; [4] meta holoq diversi ncidenti spjacevoli f'okkazzjonijiet importanti ghall-attrici u ghal binha; kif ukoll meta kecca lill-attrici darbtejn mid-dar konjugali.

"L-attrici tatribwixxi din id-degenerazzjoni fil-hajja konjugali ghal fatt li l-konvenut kien beda jiehu xi pilloli, li skond hi kienu jbidlulu l-burdata, kif ukoll ghal vizzju tax-xorb li kien qabad. Il-konvenut minn naha tieghu jghid li, l-affarijiet kienu miexjin sewwa sakemm fir-rebbiegha tas-sena 2000 huwa kien sab l-Gharbi rieqed fid-dar.

"Illi in propositu ghal din il-versjoni tal-konvenut il-Qorti tinsab perplessa u assaliti minn dubji serji dwar il-veracita' ta' din l-allegazzjoni serja da parti tal-konvneut fil-konfront ta' martu; u thoss opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

"[1] Illi qabel xejn huwa opportun li tigi ribadita l-massima fundamentali f' materja ta' prova li *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*, u allura l-oneru tal-prova tal-fatt allegat jirrisjedi fuq minn qed jallega, f' dan il-kaz il-

konvenut. Huwa l-konvenut li bl-allegazzjoni serja maghmula minnu, xehet fuqu l-oneru tal-prova tal-fatt ta' l-adulterju minnu imputat lil martu.

"[2] Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut jghid: "Jidhirli li fir-Rebbiegha tas-sena 2000, darba minnhom, jiena rritornajt lura d-dar mix-xoghol, wara nofs il-lejl, u sibt ragel [rieqed fis-sodda] id-dar" Huwa rreagixxa ghal dan il-fatt li kien ghadu kif skopra billi, hareg mid-dar u stenna lil dan ir-ragel li kien ta' nazzjonalita' Gharbija johrog minn daru. Huwa jghid li "jien dan ir-ragel kont nafu qabel ghax kollha naghmlu business flimkien. Marti qaltli li l-affari kienet ilha sejra. Jiena lil dan l-gharbi kont ili nafu xi disa' xhur qabel l-incident……… lill-Gharbi wara l-incident qatt ma kellimtu aktar." Jghid li wara dan l-incident martu telqet mid-dar, u jikkonkludi jghid: "Il-bieb dejjem miftuh kien u jibqa' ghal marti li jiena qatt ma keccejtha mid-dar, u dejjem telqet bil-volonta' taghha"[fol.138-139].

"[3] Illi huwa minnu li l-attrici fl-ebda hin ma rribattiet l-akkuza ta' adulterju maghmula minn martu fil-konfront taghha; izda sostniet ab inizio u konsistentement u b' mod korroborat minn xhieda ohra, li hi kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba l-komportament abusiv da parti ta' zewgha, li fl-ewwel okkazzjoni kien kecciha mid-dar minghajr raguni valida.

"F' dan l-istadju, hija opportuna l-osservazzjoni li skond gurisprudenza kostanti gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta' tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista' jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat. L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu *[PA A Spiteri vs Avk.Dr. Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964]*

"Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li x-xhieda tal-konvenut fir-rigward, hija mdghajjfa bil-fatt li, ghalkemm skond il-konvenut huwa kien jaf minn kien dan l-Gharbi li huwa qal li kien ra fis-sodda fid-dar tieghu, u li kien ilu jafu disa' xhur u li kien anke ghamel xi business mieghu, huwa xorta wahda baqa'ma identifikahx b' ismu wisq anqas iproducih jew ittanta li jipproducih bhala xhud in sostenn ta' dak li kien qed jghid; izda strah fuq l-allegazzjoni tieghu nuda u cruda minghajr xintilla ta' prova.

"Di piu` il-Qorti tikkonsidera stramb il-fatt li l-konvenut ma kienx kapaci jkun preciz fid-data ta' dan l-avveniment li suppost kien daqshekk xokkanti u disastruz ghalih u ghal hajja matrimonjali taghhom. Ghal kuntrarju ta' l-attrici li baqghet tiftakar id-data preciza ta' meta l-konvenut fl-ewwel okkazzjoni kecciha mid-dar konjugali.

"Barra minnhekk it-tezi ta' l-attrici konfortata bl-affidavits tal-genituri taghha u ta' hutha, jaghtu konfort lill-fatt allegat minnha li l-inkwiet matrimonjali sehh mis-sena 1998 meta l-konvenut halla l-hanut biex mar jahdem fil-pubs gewwa Paceville, u ghalhekk qabel Jannar 2000.

"Ghalhekk, anke jekk dato non concesso huwa minnu li l-attrici kienet infidila f' dik l-okkazzjoni, fic-cirkostanzi, l-adulterju taghha ma kienx il-kawza tas-separazzjoni, izda piuttost il-konsegwenza tal-hajja infelici li l-attrici kienet qeda tghix minhabba l-komportament abusiv fil-konfront taghha da parti ta' zewgha, liema komportament jikkostitwixxu sevizzi u li kienu l-vera kawza tas-separazzjoni bejn il-partijiet.

"Konsiderazzjoni ohra li tkompli titfa' dubji fuq il-veracita' ta' din l-allegazzjoni tal-konvenut hija r-reazzjoni kwazi passiva da parti tal-konvenut meta dana skopra persuna, li huwa kien ilu jaf, rieqed fis-sodda go daru. Anzi huwa jghid li kienet il-mara tieghu li ta' fuqha senduqa qabbdet u telqet mid-dar konjugali minhabba dan il-fatt u marret tghix mal-genituri taghha!  Huwa jghid li l-bieb "dejjem miftuh kien u jibqa' ghal marti.."

“Il-Qorti tosserva li x-xenariju tal-fatti kif deskritti milli attrici, dwar kif l-partijiet iltaqghu ma’ problemi matrimonjali, ir-raguni tad-disgwix u l-isforzi li saru u li wasslu ghar-rikonciljazzjoni temporaneja, huwa fic-cirkostanzi aktar izjed verosimili, mill-versjoni tal-konvenut li sostna li huwa qatt ma kecca lil martu mid-dar nonostante li skond hu skopriha f’ relazzjoni adultera in flagrante.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li z-zwieg tkisser irrevokabilment, u dana bi htija unika tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta’ sevizzi u mohqrija fil-konfront ta’ l-attrici bil-komportament insensittiv u abusiv tieghu.

“**Kura u Kustodja**

“Il-principji regolaturi fil-materja, huma li l-kura u kustodja tat-tfal ghandha tigi affidata lil dak il-genitur li jkun l-aktar idoneju sabiex jedukahom u jikkurahom, tenut kont ta’ l-eta’ ta’ l-istess tfal u c-cirkostanzi tal-kaz.

“Illi apparti l-hsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li ghandhom setgha f’ din il-materja, il-principju dominanti huwa dak ta’ l-aktar utilita’ u dak ta’ l-aqwa vantagg u interess ta’ l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu jirrizultaw mill-provi.

“Illi gid tat-tfal ghandhu jinkludi mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben essere morali taghhom. L-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interessi tal-kontendenti fil-kawza.

“L-Art.47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili huma bazati fuq dawn il-principji. *[PA[PCP] Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett deciza 11.12.2003]*

“Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li t-tfal tal-kopja llum addattaw ruhhom ghar-realta’ imposta fuqhom li t-tifla tibqa’ tghix mal-missier, filwaqt li t-tifel jiqa’ jghix ma’ l-omm, u li kif qalu lill-istess

perit legali, it-tfal illum huma komdi b' dan il-modus vivendi. "Effettivament fil-hajja tal-minuri … tant ghadda zmien minn meta l-kontendenti sseparaw de facto, illi din is-sitwazzjoni, anke jekk infelici ….. ikkristalizzat ruhha u l-ulied draw hekk u accettaw is-sitwazzjoni kif inhi." [fol.371] Fic-cirkostanzi l-Qorti tifhem li ma jkunx fl-interess tal-minuri li dawna jergghu jghaddu minn bidla radikali ohra fl-ambjent tat-trobbija taghhom. Ghalhekk il-kura u kustodja ta' l-ulied ghandha tibqa' dik ezistenti llum fis-sens li dik tal-minuri Donna tibqa' fdata esklussivament f' idejn il-konvenut, filwaqt li dik ta' Dylan tibqa' f'idejn l-attrici, bid-dritt ta' access reciproku; u bid-decizjonijiet ta' sahha, religjon u edukazzjoni jittiehdu konguntament jew bl-intervent tal-Qorti.

"**Manteniment**

"Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali fi-rapport taghha fil-pagni numri 69 sa 77, hlief ghall-konkluzjoni li martu ddekadiet id-dritt taghha li titlob manteniment minghand il-konvenut. Il-Qorti tosserva li l-konvenut bhala l-persuna unikament hatja tas-separazzjoni personali ghandu l-obbligu li jipprovdi manteniment mil martu l-attrici kemm il-darba dina ma tkunx qed taghmel xoghol bi qligh. Ghaldaqstant taddotta il-paragrafu numru 67 [fol.381] b' mod li ghandu jifforma parti integrali minn dan il-gudizzju, hlief ghall-ewwel partita markata [i], u dan stante li, fic-cirkostanzi, l-attrici ma tistax tigi kkunsidrata li ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment lill-konvenut, li allura ghandu jghaddi manteniment lil martu ghoxrin fil-mija [10 %] tal-qligh tieghu jew beneficju socjali li jiehu kemm il-darba din ma tkunx qeda taghmel xoghol bi qligh.

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"In propositu l-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-paragrafi numru 68 sa 72, hlief il-paragrafu 70 [fols.382 sa 388] tar-relazzjoni tal-perit legali u taddottahom fl-intier taghhom, salv ghad-djun mad-Dipartiment tal-VAT u tat-Taxxa relattivament ghas-snin li fihom il-hanut kien qieghed

unikament f’ idejn il-konvenut u cioe’ minn Jannar 2000. Huwa gust li dawn id-djun ghandhom jigu mnaqqsa minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, stante li f’ dan iz-zmien huwa kien unikament responsabbli ghall-gestjoni tal-hanut, u di piu’, f’ dan iz-zmien huwa kien waqaf milli jghaddi manteniment lil martu u lil ibnu, tant li l-attrici kienet kostretta ssib impieg biex tghix hi u binha.”

**II. L-APPELL**

7. Il-konvenut Mario Degiorgio appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti fl-1 ta’ Dicembru 2006. Fl-appell tieghu, l-appellant, wara li ressaq u spjega il-hames aggravji tieghu, talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-14 ta’ Novembru 2006, billi tikkonfermaha inkwantu l-ewwel Qorti laqghet it-tieni talba attrici *in parte*, laqghet ir-raba` u l-hames talba, cahdet is-seba’ u t-tmien talba attrici u laqghet id-disa’ talba. Minn naha l-ohra, talab sabiex din il-Qorti tvarja u/jew tirrevoka s-sentenza appellata f’dak li jirrigwarda li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u laqghet l-ewwel, it-tielet u s-sitt talba attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi li ghandhom jithallsu mill-attrici appellata.

8. Fit-22 ta’ Dicembru, l-attrici appellata Rita Degiorgio rrispondiet ghal dan l-appell. Fir-risposta taghha hija ssottomettiet li l-appell tal-konvenut huwa wiehed infondat kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra l-appellant. F’din l-istess risposta l-attrici tirrispondi ghal kull aggravju msemmi mill-appellant u tesponi diversi ragunijiet sabiex issostni l-versjoni taghha. Fl-ahharnett, titlob li din il-Qorti jghogobha tichad dan l-appell tal-konvenut u tikkonferma is-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut/appellant.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET**

9. Dan huwa appell minn sentenza ta’ separazzjoni personali bejn il-konjugi Degiorgio li wkoll irregolat l-effetti konsegwenzjali taghha. L-appellant ressaq hames aggravi li issa sejrin jigu ezaminati *seriatim*.

**Ir-Responsabbilita` ghas-Separazzjoni**

10. L-ewwel gravam imsemmi mill-appellant jirrigwarda r-responsabilita` tal-firda tal-kontendenti. L-appellant isostni li din ghandha tinghata fuq ragunijiet li huma imputabbli lill-attrici jew ta' l-anqas liz-zewg partijiet. L-appellant jibbaza l-ilment tieghu fuq il-konkluzjoni maghmula mill-perit legali: *"illi z-zewg verzjonijiet moghtija lilha dwar ir-raguni u/jew il-mod ta' kif il-kontendenti spiccaw ighixu separatament, m'huma xejn konvincenti – la wahda u lanqas l-ohra"* u li s-separazjoni tal-kontendenti grat b'kagun ta' inkompatibbilita` tal-karattri tal-partijiet li tant kienet kbira li rrendiet il-hajja mizzewga mpossibbli. L-appellant hassu aggravat li l-ewwel Qorti ghazlet li taqbel mal-kritika mressqa mill-attrici ghal din il-konkluzjoni tal-perit legali u li b'hekk iddecidiet li l-htija tas-separazzjoni kienet biss tal-konvenut. L-appellant sostna li l-adulterju da parti ta' l-attrici kien ir-raguni ta' kif beda jisfaxxa iz-zwieg, u rrimarka li ghalkemm il-Perit Legali rrelatat li din l-allegazzjoni tieghu kienet inverosimili u li ma kienitx ippruvata, madankollu l-perit legali xorta osservat li meta huwa rrakonta din l-istorja ta' l-adulterju ta' martu, l-appellata ma cahditx u ghalhekk seta` kien hemm xi verita` f'dak li kien gie allegat. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti qablet mas-sottomissjonijiet ta' l-attrici fejn din sostniet li l-istorja ta' adulterju ma kienet xejn verosimili u li hija ma cahditx din l-istorja ghaliex il-provi taghha kienu maghluqa. L-appellant isostni li minkejja li kien veru li ma kienx mistenni li l-attrici terga tiftah il-provi biex tichad l-allegazzjoni ta' zewgha, dwar l-adulterju taghha, madankollu kien jistenna li waqt is-seduta l-attrici kienet taghmel xi forma ta' oppozizzjoni ghal dak li kien qed jinghad minnu. Hawnhekk l-appellant jirrimarka li l-perit legali setghet tinnota l-passivita` ta' l-attrici f'dik is-seduta haga li skond il-konvenut, l-ewwel Qorti zgur li ma setghetx tapprezza peress li ma kienitx prezenti waqt is-seduta. B'dawn ir-ragunijiet l-appellant jsostni l-ilment tieghu u ghalhekk jghid li ma jaqbilx li martu ma kienet tahti xejn ghal din is-separazzjoni, anzi jghid li martu kienet tahti sew ghaliex ikkomettiet adulterju, jew ta' l-anqas sevizzi jekk l-adulterju ma jigix ikkunsidrat bhala ikkunsmat u ppruvat, u kif ukoll jghid li hija hatja ta'

abbandun tad-dar matrimonjali minghajr raguni valida. L-appellant jilmenta ukoll li din il-kwistjoni dwar l-abbandun tad-dar matrimonjali ma gietx indirizzata adegwatament la mill-perit legali u anqas mill-ewwel Qorti, u jikkonkludi billi jghid li jista` jkun li kien hemm inkompatibilita` ta' karattri bhalma ikkonkludiet l-perit legali, izda jsostni li l-appellata kkommettiet atti li fil-ligi irenduha hatja ghall-firda minn ma' zewgha.

11. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi s-separazzjoni tal-kontendenti sehhet b'responsabilita` unika tal-konvenut. Bhalma sewwa jghid l-istess appellant, il-perit legali kkonkludiet illi bejn il-partijiet kien hemm *"inkompatibilita` ta' karattri tant kbira illi rrendiet il-hajja matrimonjali impossibbli."* (para. 73(1), fol. 388). Il-perit legali, Dr. Ramona Frendo, ikkumentat hekk dwar iz-zwieg tal-kontendenti li *"il-fatti ikkontestati f'dan il-kaz huma verament ftit… il-kontendenti tista' tghid li jirrakkontaw zewg stejjer differenti. Qieshom qed jitkellmu dwar zewg relazzjonijiet u zewg zwigijiet differenti."* (para 38/39 fol. 365). Fil-fatt, fir-relazzjoni taghha, l-perit legali tosserva li l-verzjonijiet taz-zewg nahat, bil-kemm jista` jinghad li jiltaqghu bejniethom f'xi punti. Filwaqt li l-appellant jsostni li z-zwieg sfaxxa minhabba adulterju minn naha ta' martu, mill-banda l-ohra l-attrici timputa t-tort tas-separazzjoni ghall-agir ta' zewgha u b'mod partikolari ghal fatt li dan kien jahdem bil-lejl fi stabiliment f'Paceville u beda jwarrabha. Inoltre, l-istess attrici tghid ukoll li l-burdata ta' zewgha bdiet tinbidel meta dan kien jiehu xi kalmanti hfief u pilloli li jkabbru x-xaghar.

12. Dwar l-allegazzjoni tieghu li z-zwieg beda jisfaxxa meta l-attrici martu kkommettiet adulterju, l-appellant isostni li fir-rebbieha tas-sena 2000 kien qabad lill-martu *in flagrante* mar-ragel Gharbi fis-sodda, gewwa daru. Huwa jghid li meta ra hekk hareg il-barra mid-dar u stenna lil dan ir-ragel johrog minn god-dar. Jghid ukoll illi kien jaf lil dan ir-ragel ghax kienu jaghmlu xi business flimkien u li wara dan l-incident martu telqet mid-dar matrimonjali. Din il-Qorti tinnota li dwar din l-allegazzjoni serja ta' adulterju ma ngabet ebda prova verament sodisfacenti mill-appellant sabiex isostni li tali adulterju kien verament

sehh. Dwar dan l-allegat adulterju, sew l-perit legali u kif ukoll l-ewwel Qorti esprimew ix-xetticizmu taghhom minhabba li r-reazjoni tal-konvenut meta sab lil martu ma ragel iehor kienet ferm inverosimili.

Ineffetti, anke din il-Qorti issibha ferm difficili li taghti kredibbilita` lill-verzjoni tal-konvenut ghaliex difficilment tista’ tasal biex temmen li ragel li jaqbad lil-martu go sodda f’daru ma’ ragel iehor seta kellu reazzjoni tant fjakka u kwieta bhal dik li tohrog mix-xhieda ta’ l-appellant. Jekk dak li stqarr il-konvenut kien minnu, zgur li ma kienitx reazzjoni mistennija minn ragel normali, li sab ruhu jiffaccja sitwazzjoni xokkanti ta’ dan it-tip, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li l-appellant kien iddikjara li sa dak iz-zmien huwa ma kellu ebda hjiel li z-zwieg ta’ bejnu u bejn martu kien sejjer hazin.

13. Fl-istess aggravju, l-appellant jikkummenta kif martu ma ghamlet l-ebda forma ta’ reazzjoni jew opposizzjoni ghal dak li intqal minnu fis-seduta li fiha xehed dwar dan l-allegat adulterju taghha.  Hawnhekk huwa jaghmel referenza ghal fatt li anke l-perit legali nnotat din il-passivita` tal-attrici. Jirrizulta li anke l-ewwel Qorti kkunsidrat l-fatt li l-attrici qatt ma rribattiet l-akkuza ta’ adulterju maghmula minn zewgha fil-konfront taghha; madankollu, l-istess Qorti ikkunsidrat ukoll li l-appellata *“sostniet ab inizio u konsistentement u b’mod korroborat minn xhieda ohra, li hi kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba l-komportament abusiv da parti ta’ zewgha, li fl-ewwel okkazzjoni kien kecchiha mid-dar minghajr raguni valida.”*  L-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-konvenut ma pprovax sodisfacentment l-allegazzjoni tieghu u tat ir-ragunijiet taghha – fl-isfond tal-gurisprudenza in materja – ghaliex hija waslet ghal din il-konkluzjoni.

14. L-appellant ma wera l-ebda raguni gravi bizzejjed biex din il-Qorti tinklina li ma tikkondividix din il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti.  Fil-fatt anke din il-Qorti sabet aktar konvincenti t-tezi ta’ l-attrici appellata u cioe` li l-hajja matrimonjali ta’ bejna u bejn zewgha bdiet tmur lura meta zewgha ddeciedha li jsib xoghol bil-lejl gewwa Paceville u minhabba f’hekk spiccat tqatta hafna hin tahdem wahedha

fil-hanut peress illi l-konvenut kien iqum mill-irqad tard hafna.  L-ewwel Qorti tiddeskrivi hekk dak li wassal ghas-separazzjoni tal-kontendenti *"Jidher li din l-istil ta' hajja assunta volontarjament mill-konvenut, u imposta minnu fuq martu u uliedhu bdiet thalli effetti negattivi u serji fil-hajja matrimonjali taghhom, bir-rizultat li l-partijiet bdew jibirdu fil-konfront ta' xulxin. Dan kollu gab tbatija lill-attrici li kellha tfendi wahedha biex izzomm il-hanut ghaddej biex jkollha qligh sufficjenti biex tmantni il-familja taghha."* (pg. 4 tas-sentenza). Inoltre, din il-Qorti lanqas ma taqbel ma l-appellant meta dan isostni li martu abbandunat id-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida, u dan ghaliex jidher li bl-attegiament tieghu, l-appellant wassal sabiex iz-zwieg sfaxxa b'mod irrimedjabbli u li ghalhekk l-attrici kienet gustifikata titlaq mid-dar matrimonjali. Il-perit legali semmiet fir-relazzjoni taghha, certi allegazzjonijiet ta' l-attrici fil-konfront ta' zewgha dwar kif huwa: *"kien jikteb fuq il-hajt data jew ultimatum meta hija kellha tohrog mid-dar, icahhadha minn cavetta tad-dar matrimonjali u minn servizz telefoniku, jew isakkrilha c-cilindru tal-gass fil-kantina b'mod li hija ma kellhiex access ghalih u ma setghetx issajjar ghall-familja."* (para. 42, fol 368)

15. Wara li kkunsidrat il-provi kollha fir-rigward tal-kwistjoni dwar ir-responsabbilita` tat-tifrik taz-zwieg, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant naqas li juri xi raguni gravi bizzejjed biex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti dwar din l-istess kwistjoni. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju ma jistax jigi milqugh.

**<u>Manteniment lill-attrici ghaliha stess</u>**

16. L-appellant qieghed jilmenta dwar il-fatt li l-ewwel Qorti iddipartiet mill-konkluzjoni tal-Perit Legali li rrelatat li l-attrici kienet iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment ghaliha stess minghand il-konvenut u minflok ordnat li huwa ghandu jhallas lill-attrici, kemm-il darba din ma tkunx qieghda taghmel xoghol bi qliegh, 20% ta' kwalunque introjtu li jkollu. L-appelant jghid li dan ma ghandux jkun u jekk l-ewwel aggravju msemmi minnu dwar ir-responsabilita` ghall-firda jintlaqa minn din il-Qorti, ghandha tkun l-appellata li tigi ordnata thallas ghall-manteniment ta' zewgha.  L-appellant jilmenta li donnu

ragel, ghall-kuntrarju ta’ mara, ma hux gustifikat li jibqa` id-dar ghax ikollu xi wild minuri tghix mieghu. Huwa jargumenta li hekk kif l-ommijiet jippretendu li ma jkunux imgieghla jahdmu sabiex ikunu jistghu jrabbu lil uliedhom, ma jaghmilx sens li l-istess argument ma japplikax ghall-genittur li huwa ragel. L-appellant isostni li l-kwistjoni ta’ manteniment kif deciza mill-ewwel Qorti, intrinsikament tohloq trattament differenti bejn il-mara u r-ragel. L-appellant jghid li martu l-attrici tahdem ghax tista’ thalli lil binha mal-familjari taghha. Huwa jsostni li filwaqt li omm qatt ma tpoggiet f’dawl ikrah ghax tibqa’ d-dar tiehu hsieb uliedha, f’din il-kawza huwa donnu li qed jigi mpingi bhala “pikuz” ghax mhux qed jahdem biex jiehu hsieb lil bintu li ghadha minorenni.

17. La darba l-ewwel Qorti rriteniet il-konvenut bhala l-unika persuna responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, kien pass logiku min-naha taghha li tirritjeni li huwa ghandu l-obbligu li jipprovdi manteniment lill-martu kemm il-darba din ma tkunx qed taghmel xoghol bi qliegh. Billi din il-Qorti cahdet l-ewwel aggravju ta’ l-appellant ma tarax li hemm lok li tvarja id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar il-manteniment ordnat li jithallas mill-appellant lill-martu, inkluza s-somma ta’ Lm220 dovuta minnu bhala arretrati ta’ manteniment lill-attrici ghaliha nnifisha skond id-digriet tas-16 ta’ Divembru 2003 mahrug mis-sekond awla tal-Qorti Civli.

**<u>Arretrati u Lump Sum ghall-manteniment ta’ l-iben minuri Dylan</u>**

18. Permezz tat-tielet aggravju tieghu l-appellant jilmenta li kemm il-perit legali kif ukoll l-ewwel Qorti irritenew li l-esponent ghandu jhallas somma lil martu ghall manteniment ta’ ibnu Dylan, izda ma hassewx li l-mara ghandha thallas lil zewgha xi forma ta’ manteniment ghal bintha Donna li tghix mieghu. Huwa jilmenta li fis-sentenza appellata gie ordnat ihallas arretrati ta’ manteniment ghal ibnu Dylan u kif ukoll l-ammont ta’ Lm4,000 bhala lump sum ghall-manteniment tal-istess tifel. Huwa jghid li dan l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li daqs kemm huwa ghandu obbligu li jmantni lill-uliedu, l-istess ghandha martu li tmantni lill-uliedha, irrispettivament ma’

min ikun qed jghixu. Ghalhekk l-appellant jsostni li f'dan il-kaz l-obbligu ta' naha tinnewtralizza l-obbligu tan-naha l-ohra, u ghalhekk l-appellant jghid li l-ebda parti m'ghandha tigi kostretta thallas lill-parti l-ohra manteniment minhabba l-ulied minuri taghhom. Izda l-appellant jiccara din it-talba tieghu billi jghid li b'dan l-aggravju hu ma jridx ifisser li l-partijiet m'ghandhomx obbligu jmantnu l-wild li qed jitrabba mill-parti l-ohra, izda qed jsostni li hemm obbligi fuq iz-zewg nahat u li tali obbligi jinnewtralizzaw lil xulxin.

19. Fir-risposta taghha ghal dan l-aggravju, l-appellata tghid li zewgha naqas li jhallas l-manteniment kif gie ordnat li jaghmel mis-Sekond' Awla u ghaldaqstant din l-inosservanza wasslet sabiex l-ewwel Qorti tiddeciedi li l-manteniment dovut lill-iben minuri jithallas bhala *lump sum* u li din is-somma ghandha titnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali u dan sabiex jkun zgur li l-appellata tithallas dak dovut lilha. Fl-istess risposta l-appellata tfakkar lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti sabet illi kien l-appellant li jahti ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ghandu jkun hu li jerfa r-responsabilita` tal-konsegwenzi ta' dan u ghalhekk l-appellata tirribadixxi li l-ewwel Qorti kienet koretta li tordna li jkun hemm manteniment anke ghall-iben Dylan.

20. Fid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti, l-appellant gie ordnat ihallas is-segwenti manteniment ghal ibnu Dylan:

*"(ii) L-arretrati tal-pagament tal-manteniment tat-tifel Dylan, minnu dovuti in forza tad-Digriet ta' l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru 2003, illi jammontaw ghal tmien mija u tmenin Lira Maltin (Lm880);*

*"(iii) L-ammont ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) rapprezentanti pagament ta' darba in linea ta' manteniment ghall-minuri Dylan."* (pg. 8 tas-sentenza)

L-ewwel Qorti adottat il-konkluzjonijiet milhuqa mill-perit legali li ukoll kienet tal-opinjoni li l-appellant ghandu jhallas dawn l-arretrati dovuti minnu u kif ukoll ammont in linea ta' manteniment ghall-ibnu Dylan. Dwar din il-*lump sum* il-

perit legali kienet fil-fatt hadet in konsiderazzjoni l-mezzi taz-zewg partijiet u kienet ikkunsidrat hekk:
*“66. Inoltre, ladarba l-konvenut ghandu assi ta’ valur kbir bhalma huwa l-hanut, illi kapriccozament jew forsi anki malizjozament, ghal dawn l-ahhar snin huwa ghazel li ma jhaddimx. Izda li jista’ jigi utilizzat hafna ahjar fil-futur, l-esponent umilment temmen illi anke bhala kumpens ghall-fatt illi l-konvenut ghex fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta’ l-attrici minghajr ebda raguni valida ghal dawn l-ahhar snin, filwaqt illi l-attrici spiccat tghix fid-dar tal-genituri taghha, il-konvenut ghandu jhallas manteniment ghal ibnu sakemm dan jaghlaq tmintax il-sena, l-esponent temmen illi jkun ghaqli, in vista tal-precedenti tal-konvenut illi tali manteniment isir permezz ta’ pagament wiehed, dejjem minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, dejjem jekk dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi d-dar tinbiegh. Fic-cirkostanzi, l-esponent thoss illi ma ghandhiex tissuggerixxi illi tigi varjata r-retta alimentari stabbilita mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Dicembru 2003, izda tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha ga` maghmula u ta’ l-gholi tal-hajja, qed jigi suggerit illi jkun hemm tnaqqis ta’ ghaxra fil-mija (minflok ghoxrin fil-mija tenut kont tal-lump sum payment) mill-ammont totali li jirrizulta dovut lill-attrici in linea ta’ manteniment ghall-minuri Dylan. Dan iwassal ghal kalkolu ta’ Lm3,888, li fic-cirkostanzi, ghandu jigi arrotondat ghal Lm4,000.”* (fol. 381)

21. Jidher car li b’din id-decizjoni sew il-perit legali u kif ukoll l-ewwel Qorti kienu qed jissalvagwardjaw id-dritt ghall-manteniment tat-tifel minuri mill-fatt li l-appellant kien fil-passat irresponsabbli bizzejjed biex ma jkomplix jahdem u wisq anqas imantnieh. Ghaldaqstant, kif sewwa rragunat il-perit legali, ikun aktar ghaqli li l-manteniment ghat-tifel Dylan jinghata bil-quddiem u, aktar minn hekk, jithallsu lill-attrici minn sehem zewgha mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, liema bejgh ser jigi ikkonsidrat aktar il-quddiem f’dan l-appell. Ghalhekk, din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet milhuqa sew mill-perit legali u kif ukoll mill-ewwel Qorti u dan ghaliex din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi esposta mill-appellant li donnu qed jghid li kien hemm diskriminazzjoni bejnu u bejn

martu ghall-fatt li ma nghatax manteniment ghall-bint il-kontendenti Donna. In effetti, id-diskriminazzjoni li saret kienet fil-konfront ta’ mart u iben l-appellant meta dan holoq sitwazzjoni fejn huwa baqa’ jgawdi id-dar matrimonjali a skapitu ta’ martu u ibnu u baqa’ jinheba wara l-fatt li kellu jrabbi lill-binthu sabiex ma jmurx jahdem. Iz-zewg ulied ghandhom l-istess drittijiet quddiem din il-Qorti, u l-Qrati ghandhom jittutelaw id-drittijiet taghhom. Ghaldaqstant, anke dan it-tielet aggravju qed jigi michud.

**Id-Dar Matrimonjali**

22. Ir-raba` aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda d-dar matrimonjali tal-kontendenti. L-appellant jghid li huwa ma jaqbilx li d-dar matrimonjali tinbiegh, skond kif ordnat l-ewwel Qorti. Huwa jghid li dejjem xtaq li d-dar tibqa’ tal-familja kollha u li xi darba titgawda mill-ulied. L-appellant jsostni ir-ragunijiet tieghu ghal dan l-aggravju billi jghid li kien kellem perit biex jara hux possibbli li d-dar tigi diviza, u jsostni li l-istess perit xhed u kkonferma li dan huwa possibbli u kif ukoll kien pprezenta il-pjanti relattivi. L-appellant jghid ukoll li l-istess perit kien ukoll esprima dubju dwar jekk jinharigx permess mill-Awtorita` ghall-Ambjent u l-Ippjanar u kien qal ukoll li jekk id-dar tigi diviza x’aktarx li jonqosilha l-valur. Dwar dan l-appellant jghid li huwa ghandu perspettiva differenti minn dik tal-perit u cioe’ li kemm jista` jkun jixtieq li uliedhu ma jkunux il-boghod minn kulxin. Ghalih il-valur ta’ dan mhux wiehed pekunarju izda sabiex jzomm il-membri tal-familja kemm jista` jkun vicin xulxin. Ghalhekk l-appellant qieghed jitlob li tigi revokata l-ordni li d-dar tinbiegh u li minflok, id-dar tigi diviza skond kif propost mill-perit Joseph Mangion, bil-ghan li ulied il-kontendenti ikunu aktar vicin ta’ xulxin.

23. Dwar id-dar matrimonjali, din il-Qorti hija tal-fehma li din m’ghandiex tinqasam kif qieghed jipproponi l-appellant. Ir-raguni ghal dan johrog mix-xhieda li l-istess perit Joseph Mangion ta’ in kontro ezami:
*“Apparti l-ispejjez illi hemm biex isiru dawn l-alterazzjonijiet, u l-htiega tal-permess tal-MEPA, iz-zewg fondi rizultanti mid-divizjoni proposta, ma jkollhomx l-istess valur. Naqbel ma dak li qed jigi suggerit lili illi jekk*

*id-dar tinbiegh kif inhi, iggib aktar valur, milli jekk tigi spezzettata f'zewg fondi.*

*"Ghandi dubbju wkoll kemm il-MEPA jaghtu permess biex tidhol ghal go fond residenzjali minn gewwa garaxx.*

*"Din inbniet bhala dar u biex taghmilha f'zewg postijiet mhux facli. Dan qed nghidu in risposta ghad-domanda li qed issirli dwar jekk il-fond hux komodament divizibbli."* (fol. 141)

Bhalma sewwa qalet il-perit legali, dak li xehed il-Perit Mangion, aktar u aktar huwa sinifikanti meta jitqies li dan l-arkitett kien imqabbad mill-istess konvenut appellant, li qieghed jinsisti illi d-dar matrimonjali tista' tigi diviza. Fuq dan il-punt ukoll sahqet l-appellata fir-risposta taghha fejn qalet li l-appellant kien qed jonqos illi jgharaf li sabiex id-dar matrimonjali tigi diviza trid tkun kommodament divizibbli u mhux semplicement divizibbli. Ineffetti, l-attrici ghandha ragun tghid li *"tkun haga insensata kieku effettivament kellha tigi permessa tali divizjoni."* (fol. 15 – appell).

In effetti jidher car li din id-dar matrimonjali mhijiex komodament divizibbli u ghalhekk sewwa kkonkludiet il-perit legali *"galadarba ma hemmx assi sufficjenti sabiex issir divizjoni per assenjazzjoni ta' l-immobbli, u dan l-istess fond lanqas ma huwa kommodament divizibbli, il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata billi d-dar matrimonjali tinbiegh, u r-rikavat jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet…."* (fol. 383).

24. Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellant li jixtieq li d-dar tibqa tigi wzata mill-familja kollha, bl-ghan principali li ulied il-kontendenti jghixu aktar vicin xulxin, din il-Qorti tinnota li kien hemm drabi meta l-appellant irrifjuta li jaghti lill-appellata access ghall-bintha Donna (vide rapporti lill-Pulizija a fol. 195 et.). Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti tirrikonoxxi l-importanza li ulied il-kontendenti jqattaw aktar zmien flimkien bhala ahwa ma tistax taccetta it-tezi tal-appellant li fl-opinjoni ta' din il-Qorti qieghed jerga' jipprova jinheba wara l-paraventu ta' uliedu sabiex jibqa'

jghix fid-dar matrimonjali. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghal fini ta’ dan l-aggravju ghandha tidhol aktar fil-fond dwar din il-kwistjoni u b’hekk anke dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**Dejn mad-Dipartiment tal-VAT u mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni**

25. Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant jilmenta dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn din iddecidiet li l-konvenut ghandu jassumi kull dejn mad-Dipartiment tal-VAT u mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-perjodu li l-hanut kien qed jigi gestit minnu esklussivament. L-appellant jghid li l-perit legali kienet issuggerit li id-djun mal-VAT u ma’ tat-Taxxa ghandhom jithallsu mir-rikavat tad-dar matrimonjali, u ghalhekk l-appellant jghid li dan ifisser li ghandu jigi maqsum bejn iz-zewg partijiet ugwalment. Madankollu l-appellant jghid li l-Qorti ghaddiet biex ordnat li jekk kien hemm xi perjodu li dan il-hanut gie gestit mir-ragel esklussivament, dan ghandu jigi mhallas minnu. L-appellant jikkontesta dan billi jilmenta li l-hanut ghamel snin twal jigi gestit miz-zewg partijiet u kien hemm zminijiet meta l-attrici kienet tkun fil-hanut aktar minn zewgha. Ghalhekk l-appellant jilmenta li din id-disposizzjoni halliet bahar miftuh u lok ghal litigju gdid dwar jekk kienx hemm xi dejn li nholoq mill-esponent fi zmien li l-mara ma kienitx involuta fit-tmexxija tal-hanut. L-appellant jkompli jsostni li din id-disposizzjoni ghandha tigi revokata peress li ma jirrizultax li nholoq dejn fi zmien li l-attrici ma kienitx involuta. Skond l-appellant, b’din id-disposizzjoni s-sitwazzjoni ser tibqa’ incerta.

26. Minn naha taghha l-appellata tirrispondi ghall-dan l-aggravju billi tghid li ghal kuntrarju ta’ dak li qed jippretendi l-appellant, iz-zmien meta effettivament hi ma baqghetx tippartecipa fil-gestjoni tal-hanut jista jigi identifikat facilment u dan billi wiehed jirreferi ghax-xhieda taghha fejn din semmiet li hija waqfet tahdem meta giet imkeccija mid-dar ghall-ewwel darba u cioe` fis-6 ta’ Jannar 2000 u ghalhekk kellha ssib xoghol *part time*. L-appellata ghalhekk issostni li ghal kuntrarju ta’ dak li jghid l-appellant id-data hija preciza u biha tista’ ssir distinzjoni bejn iz-zmien li fih il-partijiet kienu jiggestixxu l-hanut

flimkien u z-zmien meta hi ma baqghetx tahdem fil-hanut u li ghalhekk ma kien ghad baqalha xejn x'taqsam mal-gestjoni tieghu.

27. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rriteniet li jkun gust li d-djun li hemm mad-Dipartiment tal-VAT u mad-Dipartiment tat-Taxxa u li huma relattivi ghas-snin li fihom il-hanut kien qieghed unikament f'idejn il-konvenut cioe` wara Jannar 2000, ghandhom jigu mnaqqsa minn sehmu mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali. Peress li f'dak iz-zmien il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-gestjoni tal-hanut, u di piu` kien waqaf jissomministra manteniment lil martu u lil ibnu.

28. Il-Perit Legali kienet irreletat hekk dwar dawn id-djun fil-para 70 tar-relazzjoni taghha (li jinsab a fol. 384 u 385 tal-process:

“70. Rigward id-djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti, mid-dokumenti esebiti mill-konvenut, jidher illi l-kontedenti ghandhom djun mad-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ghalkemm ma jirrisultax kjarament kemm huwa dan id-dejn stante illi gew ipprezentati diversi dokumenti li jidhru li huma konfliggenti. Skond id-dokument immarkat bhala Dok. CIR4, jidher illi hemm dejn ta' sebat elef seba' mija u hamsa u hjamsin Lira Maltin (Lm7,755.00) mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni; mentri d-dokument immarkat bhala Dok. CIR 1 (kopja ta' ittra mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud datata 22 ta' Novembru 2003), juri bilanc dovut ta' tnax-il elf, hames mija disgha u tmenin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm12,589.61). Minkejja kull argument li donnha ressqet tacitament l-attrici, dawn huma djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghalhekk, in ogni caso, l-ammont kollu ta' arretrati dovuti lil dawn id-Dipartimenti, ghandu jigi saldat mal-bejgh tad-dar matrimonjali, qabel ma r-rikavat jigi diviz f'zewg ishma ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lil kull wiehed mill-kontendenti.”

29. Bir-rispett dovut lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li r-ragunament tal-Perit Legali huwa legalment korrett u l-

kwistjoni ta' min mill-kontendenti kien qieghed jiggestixxi il-hanut f'dak iz-zmien partikolari, u jekk kienx jithallas manteniment jew le, huma kwistjonijiet marginali li m'humiex verament relevanti. Din il-Qorti jidhrilha li ma hemm l-ebda dubju li hawn si tratta ta' dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u ghalhekk, kif sewwa irreletat l-Perit Legali, u kif sewwa jillanja l-appellant, dan id-dejn ghandu jigi maqsum ugwalment bejn il-kontendenti u konsegwentament ghandu jithallas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali. Ghalhekk, dan l-ahhar aggravju ta' l-appellant hemm lok li jintlaqa'.

30. Ghal dawn il-motivi:
Tilqa' in parte u fis-sens premess biss, l-appell tal-konvenut appellant u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellat billi tirrevokaha biss fejn fiha jinghad li:
"il-konvenut ghandu jassumi kull dejn mad-Dipartiment tal-VAT u mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal perjodu li l-hanut kien jigi gestit minnu esklussivament",

liema perjodu s-sentenza appellata tidentifikah ghaz-zmien wara Jannar 2000, u minflok, tiddikjara li dan id-dejn mad-Dipartiment tal-VAT u mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni huwa dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti li ghandu jigi sopportat ugwalement bejn il-kontendenti, u li ghalhekk ghandu jigi saldat qabel xejn mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata fejn jirrigwarda l-mertu.
Dwar il-kap ta' l-ispejjez tordna li, kemm dawk relattivi ghall-ewwel istanza u kemm ukoll dawk relativi ghal odjerna istanza, ghandhom jithallsu kwantu ghal disghin fil-mija (90%) mill-konvenut appellant u kwantu ghar-rimanenti ghaxra fil-mija (10%) mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------